

- tnaqqas b'mod sostanziali l-multa imposta fuqha;
- tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż sostnuti minn Dow Chemical Company fir-rigward ta' din il-kwistjoni; u
- tieħu kull miżura oħra li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra xieraq.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appell fih żewġ aggravji. Skont l-ewwel aggravju, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi inkwantu għall-imputazzjoni tal-ksur lill-appellant. Billi l-appellant ma eżerċitatx influwenza deċiżiva fuq DuPont Dow Elastomers (iktar 'il quddiem "DDE"), impriża konġunta ma' El du Pont de Nemours and Company, hija ma pparteċipatx fil-ksur li twettaq minn DDE. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi interpretat b'mod żbaljat il-kunċetti relatati ta' entità ekonomika waħda, ta' impriża waħda u tal-eżerċizzju ta' influenza deċiżiva. Skont it-tieni aggravju, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi inkwantu għaż-żieda tal-multa tal-appellant b'10 % bħala deterrent. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' trattament ugħali f'dan ir-rigward.

li minnu dik il-persuna kienet ikkonenjata lit-tielet Stat membru, li issa huwa mitlub jikkonenja l-persuna lir-raba' Stat Membru? Jew huwa eventwalment meħtieġ il-kunsens taż-żewġ Stati Membri?

---

### **Rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-196/12)

(2012/C 184/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, J.-P. Keppenne u D. Martin, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara li, billi ma adottatx il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjoni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea u l-koeffċjenti korrettivi li japplikaw għalihom, il-Kunsill naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill eskluda l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jadatta r-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali skont l-Artikolu 3 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, minkejha li mit-termini vinkolanti ta' dan l-artikolu jirriżulta li l-metodu għall-adattament annwali tal-imsemmija remunerazzjonijiet u pensjonijiet huwa proċedura awtomatika li ma tħalli ebda marġni ta' diskrezzjoni lill-Kunsill. L-artikolu cċitħat iktar 'il fuq jobbliga lill-Kunsill jadotta l-proposta tal-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena kurrenti. Skont ir-rikorrenti, il-Kunsill ma kienx awtorizzat jeskludi dan l-obbligu minħabba li huwa kien jikkunsidra li l-Kummissjoni kellha tissottomettilu proposta skont l-Artikolu 10 tal-Anness XI. Fi kwalunkwe każ, il-kundizzjonijiet fundamentali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10 ma kinux sodisfatti fl-2011 kif jidher, barra minn hekk, minn żewġ rapporti ekonomiċi li kienu ġew sottomessi mill-Kummissjoni lill-Kunsill fuq talba tiegħu. Billi adotta huwa stess id-Deċiżjoni 2011/866/UE (1) skont l-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kunsill kiser il-kundizzjonijiet istituzzjonali meħtieġa.

### **Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein oikeus (il-Finlandja) fl-24 ta' April 2012 — Melvin West vs Virallinen syttnejja**

(Kawża C-192/12)

(2012/C 184/10)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

### **Qorti tar-rinvju**

Korkein oikeus (il-Finlandja)

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Melvin West

Konvenut: Virallinen syttnejja (prosekutur pubbliku)

### **Domanda preliminari**

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 28(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jinfiehem li huwa l-Istat Membru li minnu l-persuna kienet inizjalment ikkonenjata lejn Stat Membru ieħor skont il-mandat ta' arrest Ewropew, jew huwa dan it-tieni Stat Membru